MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 296/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**VS**

**RAMON FENECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ramon Fenech detentur tal-karta tal-Identita` numru 544185 (M).

**Akkuzat talli:**

Fil-lejl ta` bejn l-20 ta` Awissu 2006 u l-21 ta` Awissu 2006, gewwa Triq Tas-Sliema, Gzira, u gewwa Triq C De Brocktorff, Msida, ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq il-persuna tal-mara tieghu, Kirsten Fenech mill-Ibragg, Swieqi, u dana skond ma` ccertifika Dr. Konrad Borg MD

mill-isptar ta` San Luqa (Mater Dei) u dan ai terminu tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.
U aktar talli, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghati s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil mara tieghu Kirsten Fenech kontra l-volonta` taghha, u kkagunalha offiza gravi fuq il-persuna taghha u dana ai terminu tal-Artikolu 86 u 87 (1) (c) (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dana ai terminu tal-Artiklou 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Kirsten Fenech minn issa tapplika l-provvediment tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta` Probation taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Kirsten Fenech jew biex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat f'kaz ta` htija, taghmel Ordni ta` Trazzin kif ukoll turbot lill-istess Ramon Fenech b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta` somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` 216, 86, 87 (1) (c) u (h), 338 (dd) u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

L-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu ddebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra hlief illi ssib lil-imputat hati kif akkuzat, stante illi l-ebda imputazzjoni migjuba kontra tieghu hija rinunsjabbli.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz specjalment ir-rapport ta` Dr. Antoine Grech, ir-rapport ta` Dr. Ingrid Grech Lanfranco, Psikologa, x-xhieda ta` Laurena Agius, kif ukoll ix-xhieda ta` Dr. Raymond Micallef, temmen illi piena karcerarja mhux idonja f'dan il-kaz partikolari.

Stante ir-rikonciljazzjoni bejn l-imputat u martu, l-origini ta` din il-procedura u stante l-progress sostanzjali li l-imputat rnexxielu jaghmel minn mindu giet inizjata din il-kawza.

Din il-Qorti waqt illi qed issib lill-imputat hati kif akkuzat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien sentejn (2) mil-llum a tenur tal-Artikolu 446 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u qed tordna lil Psikjatra Dr. Raymond Micallef sabiex kull erba` (4) xhur ghal perjodu ta` sentejn (2) huwa jaghmel rapport bil-miktub dwar il-progress psikjatriku tal-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------